MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 2296/2000/1

Kawza fil-lista: 27

**Edmond sive Eddie u Mary Rose konjugi Vella**
**Vs**
**Charles u Maria konjugi Mangion; u Mangion Productions Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-istanti huma l-proprjetarji ta' l-appartament numru hamsa (5) fi Blokk numru tlieta (3), Triq ix-Xatt, Marina, Pieta;

U peress illi l-konvenuti Charles u Maria konjugi Mangion huma l-proprjetarji tal-garaxx numru 6, Blokk 3, Triq ix-Xatt, Marina, Pieta, li fih is-Socjeta' konvenuta kienet

tiggestixxi n-negozju taghha u uzat principalment bhala store;

U peress illi fil-21 ta’ Frar 1999 kien hemm hruq li origina mill-imsemmi garaxx, li pero’ infirex u d-dhahen ghamlu hsara kbira fl-appartament okkupat mill-atturi;

U peress illi d-danni, s’issa ammontanti ghas-somma ta’ elf, erba mija u sebgha u disghin lira Maltija u sittax il-centezmi (Lm1,497.16c) kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li sofrew l-atturi gew kagjonati minhabba negligenza da parti tal-konvenuti, jew min minnhom;

U peress illi l-atturi nterpellaw lill-konvenuti biex jersqu ghall-likwidazzjoni bonarja u hlas ta’ danni li huma sofrew, izda l-istess konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjarahom, jew min minhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-hruq li gara’ fil-21 ta’ Frar 1999 fil-garaxx uzat principalment bhala store numru 6, Blokk 3, Triq ix-Xatt, Marina, Pieta’, sottostanti l-appartament ta’ l-atturi fl-istess Blokk;

2. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ elf, erba mija u sebgha u disghin lira Maltija u sittax il-centezmi (Lm1,497.16c) jew f’somma ohra verjuri izjed jew anqas kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien, jew min minnhom, li jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm1,497.16c, jew dik is-somma verjuri li tillikwida dina l-Qorti, bhala danni rizultanti mill-hruq fuq imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja ta’ l-24 ta’ Novembru 1999, tal-Mandati ta’ Qbid u Sekwestru prezentati kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dina c-citazzjoni, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu huma diretti kontra s-socjeta eccippjenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li ma hi bl-ebda mod responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-attur billi l-incident mertu tal-kawza ma garax b'tort tal-eccipjenti ghax la kienu negligenti u lanqas traskurati kif allegat mill-istess attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Mangion li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes, stante illi huma m'humiex responsabbli u ma kellhom l-ebda involviment mal-akkadut u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent bl-ebda mod ma kienu negligenti u lanqas traskurati kif gie allegat mill-istess attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2001 li permezz tieghu, din il-Qorti ordnat li l-kawza odjerna u l-kawza numru 2296/00 jinstemghu kontestwalment u l-provi migjuba f' kull kawza jghoddu bhala prova fil-kawza l-ohra;
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeda titlob li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni li sofriet fl-appartament taghha numru 5 Block 3 Triq ix-Xatt Marina Street, Pieta', rizultat ta' nirien li originaw fil-garage sottostanti, bin-numru 6, proprjeta' tal-konvenuti; u l-

kundanna tal-istess ghal hlas tad-danni konsegwenzjali ammontanti ghal Lm1,497.16 Il-konvenuti qed jopponu ghat-talba atturi in bazi ghall-fatt li dak li gara kien kagun ta' kaz fortuwitu u mhux attriwibbli ghal negligenza jew traskuragni da parti taghhom.

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta li ghal habta ta' nofs il-lejl sviluppa nar fil-garage precitat, li nfirex u ma setghax jigi kontrollat facilment, bir-rizultat li uhud mill-appartamenti sovrastanti, inkluz dak tal-atturi, sofrew hsara dovuta principalment ghal-kwantita' kbira ta' nigrifun li hadem dawn l-appartamenti, kif ukoll saret hsara fil-pipijiet fil-common parts kagun tas-shana qawwija li kkaguna dan in-nar.

Illi rrizulta provat li fil-garage in kwistjoni kien jintuza mill-konvenuti, kemm bhala store fejn jimmagazzinaw merkanzija relatata man-negozju taghhom, kif ukoll sabiex jiggaraxxjaw il-vettura proprjeta' taghhom. Irrizulta wkoll li fil-hin tal-incident fil-garage kien hemm quantita' sostanzjali[1] ta' merkanzija konsistenti f' oggetti tal-plastic, metal, soft toys u christmas toys tal-plywood u anke apparat tad-dawl, bhal neon tubes, kif ukoll oggetti li jahdmu bill-batterji: oggetti li skond l-Professur Alfred Vella, nominat espert forensiku fl-inkjesta magisterjali, kienu kombustabbli, ghalkemm mhux inflammabbli. Apparti mill-qwantita' sostnzjali tal-merkanzija stivata fuq in-naha ta' wara tal-garage, irrizulta wkoll li l-karrozza in kwistjoni tal-marka BMW kienet vicin, kwazi tmiss mill-bumper taghha, mal-kaxxex li fihom kienet ippakjata l-merkanzija.

Illi l-imsemmi Professur Vella kkonstata u kkonkluda li ma kienx hemm dubju li n-nar in kwistjoni origina mill-imsemmija vettura u precisament mill-magna taghha li kienet fuq quddiem u li ghalhekk kienet vicin hafna l-

[1] Dan il-fatt jirrizulta mhux kontestat. Mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' assikuratrici tal-konvenuti u mid-dokumenti esebiti jirrizulta li, apparti li l-konvenuti gew rimborzati ghad-danni riportati fil-karrozza, u wkoll fil-bini [Lm13,615], huma gew rimborzati s-somma ta' hamsin elf lira maltin [Lm50,000] ghad-danni riportati fil-merkanzija biss. Dan il-fatt jaghti konfort il-fatt mhux kontestat li l-kwantita' tal-merkanzija stivata fil-garage, tenut kont tan-natura taghha, kien sostanzjali.

merkanzija. Huwa eskluda li n-nar kellu origini doluza, u kkonkluda li x'aktarx kienet dovuta ghal xi short circuit.

Illi dwar ir-raguni ghaliex in-nar estenda b' dak il-mod, dan l-espert fir-relazzjoni tieghu osserva li in-nar infirexx malajr fil-garaxx ghaliex dan kien ippakkjat b' affarijiet li kienu facilment kombustibbli. Huwa jikkonkludi: "in nar fil-post beda l-ewwel fil-kompartiment tal-magna tal-BMW u minn hemmhekk xtered ghal fuq l-affarijiet kombustibbli li kienu stivati qrib il-vettura. Dan jispjega wkoll ghaliex l-affarijiet li kienu qrib ta' fejn kienet tinstab il-parti ta' quddiem tal-vettura nharqu estensivament", filwaqt li l-bicca l-kbria tal-affarijiet l-ohra ma nhakmux minn nar.[2]

Fid-deposizzjoni tieghu l-Professur Vella jghid li, tenut kont tal-fatt illi ebda karrozza ma hija ghal kollox safe, ghaliex ghandha sistema elettrika imdawwra b' materjal kombustibbli – meta allura ic-chances li xi haga tmur hazin u li twassal ghall-hruq dejjem qieghed hemm – jekk garage ha jintuza ghall-magazzinar ta' affarijiet kombastibbli f' ammont sostanzjali, dan kien allura jirrikjedi li jsir investiment aktar minn semplici stallazzjoni ta' fire alarm bhal f' dan il-kaz; imma ghandha tintuza sistema bhal sprinkler system illi tiskatta immedjatament minghajr il-htiega ta' intervent uman immedjat. Ix-xhud kompla jinkonferma l-fatt li l-garage kien mimli b' hafna affarijiet.[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi bazikament it-tesi konvenuta hija li dak li gara kien unikament dovut ghal kaz fortuwitu, u li ma kienx hemm ness ta' traskuragni da parti tal-konvenut Charles Mangion u l-akkadut. Rigward il-kwantita' ta' oggetti stivati fil-garage jghid li "Il-fatt li kien hemm diversi oggetti u hafna oggetti fil-garaxx mhux il-kawza tal-hruq, sia pure li forsi setghu ghenu biex il-hruq kien akbar, pero' hawn si tratta li wiehed jezamina il-kawza tal-hruq u mhux il-

---

[2] Relazzjoni Fol.68. Vide wkoll deposizzjoni Charles Mangion annessa mal-istess relazzjoni – fols.68 u 70

[3] Fol.154

konflaggrazzjoni tieghu. Bl-oggetti jew minghajrhom il-hruq xorta wahda kien jigri."[4]

In tema legali jigi osservat li fil-kawza App.Inf. [PS] Alfred Delia vs Segretarju Permanenti et 19.05.2004, gie ritenut li l-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li meta setax ikun prevedut minn persuna ta' diligenza ordinarja [App.C. Borg Falzon vs DarmaninVol.XXX.I.869]. Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma mehtieg li jkun inevitabbli b' mod li ma jistax jigi evitat b' diligenza ordinarja tal-bonus pater familias [PA Micallef vs McCance Vol.XXXVII.II.637; App.Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet 28.02.2001]

"Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm [1] event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, [2] event imprevedibili u [3] inevitabbli [App.K. Raymond vs Busuttil Vol.XXXI.i.554; App.C. Azzopardi vs Arcicovich Vol.XXIV.172].

Dan il-kuncett "viene meno quando concorre il fatto posittivo o negattivo dell'uomo" [PA Fenech vs Gatt Vol.XVIII.II.164; Bezzina Grech Vol.XXX.II.142]. Quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della proprio azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto. [Vol.XXIV.172]

Fil-meritu l-Qorti tosserva li f' dan il-kaz tirravviza negligenza kontributorja da parti tal-konvenut Mangion meta dana naqas fic-cirkostanzi tal-kaz milli jipprevedi dak li kien prevedibbli ghal persuna li tesercita d-diligenza ta' bonus paterfamilias fl-operat taghha. Fil-fehma tal-Qorti in-nuqqas da parti tal-konvenuti kien jikkonsisti f' diversi fatturi li kumuluttivament iwasslu ghar-responsabbilita' civili taghhom naxxenti mid-dispost tal-Artikolu 1031.

[4] Nota osservazzjonijiet – fol.193

Dawn huma:
[1] l-ippakkjar ta' kwantita' kbira ta' merkanzija gol-garage;
[2] it-tip ta' merkanzija li, ghalkemm ma kienitx inflammabbli, izda kien kombustabbli;
[3] il-fatt li go l-istess garage l-konvenut jipparkja l-karrozza tieghu;
[4] il-fatt li l-magna tal-vettura kienet vicin hafna l-merkanzija stivata; u
[5] in-nuqqas ta' sistema li titfi n-nar fil-bidu tieghu minghajr l-intervent immedjat tal-bniedem: fi kliem iehor in-nuqqas ta' sistema adegwata ghac-cirkostanzi mahluqin mill-konvenuti.

Il-Qorti tosserva li huwa minnu li, kif sottomess mill-konvenuti, l-ipparkjar ta' karrozza go garage hija haga normalissima, daqs kemm hu minnu wkoll li l-fatt li hija haga frekwenti li f' garage jitpoggew oggetti li huma kombustibbli, imma c-cirkostanzi tal-kaz in disamina huma differenti, in vista tal-kwantita' kbira ta' merkanzija stivata fih u l-fatt li l-vettura kienet ipparkjata bil-quddiem taghha, fejn hemm il-magna, vicin ta' din il-merkanzija. Dawn ic-cirkostanzi ta' fatt, mahluqa mill-istess konvenuti bl-operat taghhom, kienu jimponu fuqhom il-htiega ta' prekawzjonijiet adegwati sabiex f' kaz ta' incendju, anke ta' origini accidentali, in nar ma jinfirixx bil-mod li ghamel u kien jista' jigi kkontrollat qabel ma kkaguna l-hsara lill-terzi. Multo magis meta jigi kkunsidrat il-fatt li l-garage huwa sottostanti appartamenti residenzjali, u li ghalhekk incidenti bhal dan seta' kellu rizultat fatali ghall-okkupanti ta' dawn l-appartamenti. Kemm mix-xhieda kif ukoll mir-ritratti esebiti, rrizulta li n-nar kien wiehed qawwi.

F' dawn ic-cirkostanzi l-konvenuti kellhom l-obbligu, jew li ma jipparkjawx il-vettura f'dan il-fond fejn stivaw kwantita' kbira ta' merkanzija kombustibbli, jew li jnaqqsu il-kwantita' ta' merkanzija sabiex ikun hemm distanza adegwata bejnha u bejn il-vettura, jew inkella jinstallaw sistema adegwata li titfi n-nar minghajr l-htiega ta' l-intervent tal-bniedem. Izda l-konvenuti kienu mankanti f' dan ir-rigward. Il-htija taghhom temani mhux mill-kawza tal-incendju li kien ta' origini fortuwita, izda mill-fatt li dawn

kolposament holqu sitwazzjoni li kkontribwiet sostanzjalment sabiex in-nar jinfirex facilment, b' mod li kien difficli li jigi dominat fi zmien qasir bil-konsegwenza li ghamel hafna hsara fil-partijiet komuni tal-appartament sovrastanti u anke fl-istess appartamenti fosthom dak tal-atturi. Ghal dan, jahtu l-konvenuti u ghandhom jirrispondu civilment ghal dan in-nuqqas taghhom billi jaghmlu tajjeb ghad-danni konsegwenzjali.

In fine rigward ir-responsabbilita' ghall-incident huwa opportun li jigi osservat li, il-fatt li l-istallazzjoni ta' sprinkler system mhijex komuni f' Malta ghal fondi zghar, u mhjiex rikjesta mill-ligi, ma jezonerax lill-konvenuti bl-ebda mod. Id-diligenza li kellhom jezercitaw il-konvenuti, biex jaslu ghal grad ta' bonus paterfamilias, hija dettata mic-cirkostanzi tal-kaz, u tvarja minn kaz ghall-iehor. "Kull kaz ghandu jigi konsidrat ghalih peress illi c-cirkustanzi ta' zmien jew ta' natura ohra jistghu jbiddlu s-soluzzjoni fis-sens illi l-event, fejn kien imprevidibbli f' kaz isir previdibbli f' kaz iehor, u ghalhekk l-esekuzzjoni [jew l-inevitabilita] ma tkunx impossibbli" [Vol.XXXI.I.554]. F' dan il-kaz kienet prevedibbli l-possibilita' li l-vettura tista' tiehu n-nar, u kien ferm prevedibbli li f' dak il-kaz, in–nar jinfirexx u jikber minhabba l-kwantita' ta' merkanzija stivata fil-garage. F' dan il-kaz, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenuti ma lahqux dan il-grad ta' diligenza rikjest mill-ligi.

Illi rigward il-quantum tad-danni mitluba, il-Qorti tosserva li l-atturi illimitaw ruhhom ghal-konferma bil-gurament li dawn kienu jammontaw ghas-somma ta' Lm1,483.16 minghajr ma pprezentaw ricevuti; izda fl-affidavit tieghu l-attur ta breakdown u deskrizzjoni tal-istess. Jigi osservat li l-kontenut tal-affidavit f' dan ir-rigward jinsab konfortat minn xhieda li raw l-appartamenti. Inoltre, fl-ebda stadju ma gie kontestat il-quantum tad-danni reklamat, lanqas fin-noti ta' sottomissjonijiet. Inoltre, ma jidhirx li l-ammont mitlub huwa inverosimili jew eccessiv fic-cirkostanzi. Relevanti wkoll huwa l-fatt, sostnut mill-attur u mhux kontestat, li l-attur flimkien mal-familja tieghu ghal circa xaharejn kellu jmur jabita post iehor sakemm jigu riparati d-danni fl-appartament de quo.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-atturi kif fuq indikat u, filwaqt li tiddikjara lill-konvenuti responsabbli in solidum ghad-danni sofferti mill-atturi fl-appartament taghhom fuq indikat, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf erba' mija tlieta u tmenin lira maltin u sittax-il centemzu [Lm1,483.16], u tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu din is-somma ta' Lm1,483.16 lill-atturi bl-imghax kif mitlub; u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------